**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Mark Grima, detentur tal-Karta tal-Identità numru 19485G**

**u**

**Robert Borg, detentur tal-Karta tal-Identità numru 20477G**

*Distrett Nru. 189/2022*

Illum 30 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Mark GRIMA u Robert BORG** kif ġej:[1]

1. Lil **Mark Grima** talli fil-kapaċità tiegħu personali u/jew bħala is-sid u jew il-persuna li tiġġestixxi l-fond bl-isem Grima & Grima, sitwat f'Anici Court, Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu 1979, Victoria u persuna li tħaddem kif ukoll lill **Robert Borg** fil-kapaċità tiegħu personali talli nhar it-**30 ta' Ġunju 2018** matul il-ġurnata, fix-xhur u jew snin ta' qabel, fil-lok hawn fuq imsemmi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkawżaw ġrieħi gravi lil Rima Rachida Mamo u dan ai termini tal-Art. 226 (1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Lil M**ark Grima u Robert Borg** ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni

[1] Fol.1-3

tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġunaw offiża gravi fuq Rima Rachida Mamo, tifla ta' 4 snin hekk kif iċċertifika it-tabib Dr. Joseph Vella MD mill l-isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan ai termini tal-Art 328(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Lil **Mark Grima waħdu** talli fl-istess żminijiet, fix-xhur u jew snin ta' qabel, fl-istess lok u ċirkostanzi bħala persuna li jħaddem naqas milli jħares is-saħħa w is-sigurtà ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6 (1)(2) ta' Att 27/2000, Kap. 424;

4. Lil **Mark Grima waħdu** talli fl-istess żminijiet, fix-xhur u jew snin ta' qabel fl-istess lok u ċirkostanzi bħala persuna li jħaddem naqas mill jħares il-prinċipji ġenerali hekk kif kontemplat fl-Artikolu 4(2)(a)(b)(c)(d)(e)(h)(i) ta' l-Att 27/2000 Kap. 424;

5. Lil **Mark Grima waħdu** talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li jħaddem naqas li jagħmel, jew li jiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti w sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

6. Lil **Mark Grima waħdu** talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jiżgura li kull lift għat-trasport ta' merkanzija għandu jkun ta' kostruzzjoni mekkanika tajba, ta' materjal tajjeb u ta' saħħa xierqa, u miżmum kif imiss. Kif ukoll talli naqas milli jiżgura li kull lift għat-trasport ta' merkanzija jkun eżaminat sewwa minn persuna kompetenti darba f'kull perijodu ta' sitt xhur u tibgħat lill-Awtorità rapport ta' dak l-eżami, jiżgura li kull tiswija, tiġdid jew alterazzjoni ta' partijiet tal-lift għat-trasport ta' merkanzija dikjarati mill-persuna kompetenti ssir bla dewmien u jara li kull passaġġ ta' lift għat-trasport ta' merkanzija jkun protett b'mod effiċjenti b'reċint materjali mgħammar b'kanċelli, li jkun reċint tali li jevita, meta l-kanċelli jkunu magħluqa, li xi persuna taqa' 'l isfel mill-passaġġ jew li tiġi f'kuntatt ma' xi parti li tiċċaqlaq tal-lift għat-trasport ta' merkanzija u dan ai termini ta' artikoli 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 u 1.5 (Skeda II) ta' A.L. 293/2016.

7. Lil **Robert Borg waħdu** talli fl-istess żminijiet u/jew fis-snin ta' qabel, lok u ċirkostanzi naqas milli jiżgura li kull kanċell għandu jkollu tiskir kombinat jew apparati oħra effiċjenti biex jiżguraw li l-kanċell ma jkunx jista' jinfetaħ ħlief meta l-kabina jew il-pjattaforma tkun fil-post għal dħul fiha u li l-kabina jew il-

pjattaforma ma jkunux jistgħu jiċċaqalqu mill-post għal dħul fiha qabel ma jingħalaq il-kanċell kif ukoll ikun hekk kostruwit sabiex jiġi evitat li xi parti minn xi persuna jew xi oġġetti li jkunu qegħda fil-lift għat-trasport ta' merkanzija jinqabdu bejn xi parti tal-lift u xi struttura fissa jew bejn il-kontrapiż u xi parti oħra li tiċċaqlaq tal-lift, u tiżgura li jidher ċar fuq kull lift għat-trasport ta'merkanzija t-tagħbija massima ta' xogħol li tista' tingarr b'sigurezza kif ukoll jiżgura li kull apertura ta' lift għat-trasport ta' merkanzija jew passaġġ ta' bieb bħal dak użat għall-irfigħ jew għat-tniżżil ta' oġġetti jew materjali, sew b'saħħa mekkanika sew xort'oħra, għandha tkun riparata b'sigurezza, u għandha tkun provduta b'qabda soda f'kull naħa tal-apertura jew passaġġ tal-bieb u dan ai termini ta' artikoli 1.6, 1.7, 1.8, u 1.9 (Skeda II) ta' A.L. 293/2016.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi qabel xejn irid jingħad illi għalkemm din il-kawża tirrigwarda reati li allegatament seħħew f' Ġunju 2018, l-istess kawża ġiet mismugħa minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, bl-ewwel udjenza tinżamm nhar l-20 ta' Mejju, 2022.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat Mark Grima ammetta għall-imputazzjonijiet numru tlieta (3) sa sitta (6), it-tnejn inklużi, miġjuba kontra tiegħu filwaqt li Robert Borg ammetta għall-imputazzjoni numru sebgħa (7) miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kif reż applikabbli għal dawn il-proċeduri bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' t-tweġiba rispettiva tagħhom u huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu jerġgħu lura mill-ammissjoni minnhom reġistrata rispettivament.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom kif ġej, u cioe, Mark Grima ammetta l-imputazzjonijiet numru tlieta (3) sa sitta (6) it-tnejn inklużi, u Robert Borg ammetta l-imputazzjoni numru sebgħa (7).

Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi, u cioe Mark Grima għall-imputazzjonijiet tlieta (3) sa sitta (6), it-tnejn inklużi, u Robert Borg għall-imputazzjoni numru sebgħa (7).

Ikkunsidrat,

Id-difiża qajjmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni rigward l-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Fuq ordni tal-Qorti l-prosekuzzjoni esibit l-ewwel riferti li juru li l-imputati ġew notifikati l-ewwel darba b'dawn il-proċeduri fid-29 t'April, 2022[2] u fil-5 ta' Mejju, 2022[3], <u>erba' (4) snin wara</u> s-sinistru.

Il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi mġarrba miċ-ċkejkna Rima Rachida Mamo tirriżulta minn dak li xehdu l-esperti mediċi maħtura minn din il-Qorti kif ukoll minn Dr. Joseph Vella, li kien minn tal-ewwel li eżaminaha. Fil-fatt **Dr. Joseph Vella** iċċertifika li Rima kienet sofriet *"fracture of the right parietal and temporal bones of the skull and external small tissue swelling over this region. CT scan showed a trace of blood in the brain sulci of the right temporal lobe due to traumatic subarachnoid haemorrhage. These wounds were of a <u>grievous nature and patient was in danger of loss of life</u>"*.[4]

**Dr. Mario Scerri,** espert maħtur minn din il-Qorti, wara li esibixxa r-rapport[5] minn tiegħu xehed hekk: *"Dan irriżultali li fit-tletin (30) ta' Ġunju seħħ inċident allegatament fil-fond Grima and Grima, Anici Court, Triq il-wieħed u tletin (31) ta'*

[2] Fol.206 re Mark Grima
[3] Fol.205 re Robert Borg
[4] **Dok.D** a fol.21
[5] **Dok.MS** a fol.180-194

*Marzu 1979, Victoria, Għawdex fejn għal xi raġuni jew oħra din Rashia Mamo spiċċat ... ... ... Din kellha tiddaħħal b'emerġenza l-isptar, minn Għawdex ġiet hawn Malta, kienet taħt il- konsulent newro-kirurġika ... ... għamlitilha trattament tagħha għax* ***kellha frattura tal-kranju u bl-involviment tal-moħħ****. Din progressively għaddiet għall-aħjar u tawha appuntament wara li ġiet illiċenzjata biex tattendi n-neurosurgicial outpatients. Din attendiethom kollha ħlief waħda. Neurosurgical outpatients kienet illiċenzjata għax għaddhielha. Però t-tifla bdiet tilmenta minn nuqqas ta' smigħ fil-widna x-xellugija ...... irriżultat illi qatt ma marret l-ENT, però qatt ma sarilha audiometry. Issa, fiżikament it-tifla jiena eżaminajtha u* ***percentage disability fiżikament riżultat tat-trauma, riżultat tal-leżjoni li ġarrbet f'moħħha, din m'għandhiex, timxi normali, titkellem normali, m'għandhiex*** *... gait, però l-fatt li qed tilmenta minn nuqqas ta' smigħ ikun għaqli u plawsibbli, jeżisti audiometrista illi huwa speċjalista illi bi stument speċjali jikkalkula l-ammont ta' smigħ illi pazjent ikollu. Ikun għaqli li tiġi eżaminata minn audiometrista .... Din kellha head injury with brain involvement, u fir-region tal-... nerve, tal-auditory nerve, jiġifieri jista' jkun jista' jkun illi qed tilmenta b'nuqqas ta' smigħ. Biex inkun ċerti dik hija l-pista li rridu nesploraw illi jsirilha test ... ... tal-audiometric. ....* ***Din head injury bħal dan grievous u in danger of loss of life ukoll għax meta jkollok persuna li għandha intracerbral haemorage dejjem tkun f'periklu tal- mewt****. Ovvjament meta mbagħad isir l-intervent dan il-periklu jmur, imma jekk ma jsirx intervent, hemm periklu qawwi li persuna tmut b'head injury u b'involvement tal-brain.* ***Grievous injuries".*** [6] Ikompli jispjega *"meta persuna jkollha head injury u ma jsiriliex trattament l-isptar, ħa tmutlek probabbilment; ma jmutux għax ikollhom trattament adegwat u f'waqtu. Jekk din il-persuna waqgħet u ma sariliex it-trattament, iva, mela le, il-probabiltà, l-istess bħalma kellna dan il- lejl waħda waqgħet bl-iscooter, jekk ma jtuhiex intervent immedjat, tmut mela le.".*[7]

Imbagħad il-Konsulent f' *Audiovestibular Medicine,* **Dr. Anthony Fenech, li** esibixxa r-rapport[8] tiegħu wara li eżamina l-minuri fuq inkarigu ta' din il-Qorti, fortunatament jikkonkludi *"Rasha has* ***bilateral normal hearing*** *at time of examination and testing."*[9]

Għalhekk ġaladarba riżultat tal-ġrieħi li ġarrbet ma jeżistu l-ebda miċ-ċirkostanzi w konsegwenzi li jirreferi għalihom l-artikolu 218, kif reż applikabbli bl-artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, isib applikazzjoni l-artikolu 226(1)(b). Hi din id-dispożizzjoni li tapplika għall-każ in deżamina ġaladarba jissussistu ċ-ċirkostanzi kontemplati bl-artikolu 216(1)(a)(i)(ii) tal-Kodiċi ġaladarba l-minuri kienet fil-periklu tal-mewt u sofriet ksur fil-kranju w *intracerebral haemorrhage*. L-artikolu 216 jipprovdi:

---

[6] Fol.176-178

[7] Fol.178

[8] **Dok.AF** a fol.211 -218

[9] Fol.210

**216.** (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -

(*a*) jekk tista' ġġib periklu -

(i) tal-ħajja; jew

(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew

(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella

(iv) ta' marda permanenti

Kemm il-darba japplika ir-reat kontemplat bl-artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi għal piena ta priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' €2,329.37, hu l-artikolu 688(e) tal-Kodiċi li jiddetermina definittivament li l-ewwel imputazzjoni hi **milquta bil-preskrizzjoni**:

Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni - ......

(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Dan jemana mill-fatt li d-data tas-sinistru hi dik tat-30 ta' Ġunju, 2018, kważi erba' snin qabel ma nħarġu l-ewwel notifiki. Fil-każ in deżamina l-ewwel imputazzjoni, dik ta' reat ta' offiżi gravi involontarji fuq il-minuri Rima Rachida Mamo ġew preskritti fit-30 ta' Ġunju 2020 bl-inkjesta maġisterjali tingħalaq xahar qabel fid-29 ta' Mejju, 2020 u għalhekk meta faċilment setgħu jinħargu d-debiti imputazzjonijiet biex l-preskrizzjoni tiġi sospiża.

Hi tassew ta' tħassib kif kawżi qed jitħallew jiġu preskritti meta teżisti l-għodda biex t-termini tal-preskrizzjoni jiġu sospiżi kif kontemplat bl-**artikolu 687(2)** tal-Kodiċi Kriminali. Fi kwalunkwe każ l-**artikolu 550A(4)** tal-Kodiċi Kriminali jagħti l-fakultà lill-awtoritajiet investigattivi sabiex tramite l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti u dan sabiex ma jingħad xejn li kull investigatur għandha l-fakultà jitlob lil Maġistrat Inkwirenti biex **jikkomunika mal-esperti** maħtura f'inkjesta minnhom mitluba. Konsegwentement ma hemm ebda impediment sabiex l-investigatur ikollu dik l-informazzjoni neċessarja waqt li l-inkjesta tkun pendenti.

Jibqa' l-fatt li minkejja li inkjesta maġistrali ma tkunx għada ngħalqet ma jnaqqas xejn mill-skrutinju dovut li għandu jsir sabiex ikun assigurat li akkużi jiġu preżentati tempestivament, bil-għan li titwettaq ġustizzja ma kull membru tas-soċjetà w t-trasgressur jirċievi l-Ħaqq dovut.

It-tieni imputazzjoni hi kemxejn waħda stramba ġaladarba r-reat kif addebitat jikkonċerna ħruq jew ħsarat involontarji li bħala konsegwenza persuna tbagħti offiża gravi fuq il-persuna. F'dan il-każ ma kien hawn l-ebda ħsara jew ħruq fuq propjetà. Minbarra dan, il-piena skond kif kontemplata bl-artikolu 328(c)

tal-Kodiċi Kriminali hi dik ta priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn €1,164.69. Isegwi li reat simili jiġi preskritt bl-egħluq ta' sentejn dejjem kif kontemplat bl-artikolu 688(e) tal-Kodiċi fuq riferit.

Għaldaqstant anke din l-imputazzjoni wkoll qed tiġi dikjarata bħala waħda preskritta salv dak li diġà ingħad dwarha w ċioe, li fil-każ in deżamina ma jirriżultax li l-imputati jew xi wieħed minnhom ikkaġunaw ħruq, jew għamlu xi ħsara jew ħassru jew għarrqu xi ħaġa skond kif kontemplat bl-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputati, liema ammissjoni ma saritx f'xi stadju bikri, tal-fatt li dan il-każ jirrisali għal 2018 fejn id-dewmien ma jistax jingħad li kien attribwibbli lill-istess imputati (li ġew notifikati b'dawn l-imputazzjonijiet f'April u Mejju ta' din is-sena), tal-fedina penali netta tagħhom u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ittieħed in konsiderazzjoni li bejn it-tielet u r-raba imputazzjonijiet japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta-reati.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputati mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni li qed jiġu dikjarati estinti bil-preskrizzjoni:

(a) fil-konfront ta' **Mark Grima**, wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 6(1)(2) u 38(1)(3) tal-*Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-regolamenti 10(1) u 21(1) tar-*Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*, Liġi Sussidjarja 424.18 (Avviż Legali 36/03) u r-regolamenti 3, 4, 5 w il-partiti 1.1, 1.2, 1.3, 1.4, 1.5, 1.6, 1.7, 1.8 u 1.9 tal-Part 1, Skeda II tar-*Regolamentital-2016 dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà)*, Liġi Sussidjarja 424.35 (Avviż Legali 293/2016), issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru tlieta (3) sa sitta (6), it-tnejn inklużi,

(b) fil-konfront ta' **Robert Borg**, wara li rat l-artikoli 7(1) u 38(1)(3) tal-*Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-regolamenti 7 u 21(1) tar-*Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*, Liġi Sussidjarja 424.18 (Avviż Legali 36/03), il-partiti 1.5, 1.6, 1.7, 1.8 u 1.9 tal-Part 1, Skeda II tar-*Regolamenti tal-2016 dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà)*, Liġi Sussidjarja 424.35 (Avviż Legali 293/2016), issibu ħati tal-imputazzjoni numru sebgħa (7),

U tikkundannahom kif ġej:

(i) lil **Mark Grima** għal **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għal żmien sentejn (2) mil-lum, u

(ii) lil **Robert Borg** tikkundannah **sitt (6) xhur priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għal żmien sena (1) mil-lum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat lill-imputati l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lil Mark Grima jħallas żewġ terzi tal-ispejjeż peritali u cioe l-ammont ta' €1,433.77c u lil Robert Borg terz tal-imsemmija spejjez fl-ammont ta' €716.88c.[10]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[10] Ammont globali ta' €2,150.66c